2026/2210

6.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2210

tal-5 ta' Ottubru 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012 fir-rigward tad-data statistika li l-Istati Membri jridu jikkomunikaw lill-Kummissjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 49(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV ([2]) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 79/2012 jistabbilixxi l-lista tad-data statistika li l-Istati Membri jridu jikkomunikaw lill-Kummissjoni għall-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/283 ([3]), stabbilixxa s-Sistema Elettronika Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Pagamenti (CESOP), li hija sistema elettronika ġdida għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tal-VAT. Għalhekk huwa neċessarju li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012 jiġi emendat fir-rigward tad-data statistika meħtieġa biex jiġi evalwat il-funzjonament tas-CESOP.

(3) Barra minn hekk, id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 ([4]) emendat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([5]) dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali tal-VAT għall-impriżi ż-żgħar. Sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ effettiv tal-funzjonament tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, jenħtieġ li l-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012 jiġi emendat ukoll biex jinkludi data statistika b'rabta mal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012 jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/904/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 79/2012 tal-31 ta' Jannar 2012 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 29, 1.2.2012, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2012/79/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/283 tat-18 ta' Frar 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/283/oj).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13 ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2020/285/oj).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 79/2012, jiżdiedu l-partijiet E u F li ġejjin:

"**Parti E — Sistema Elettronika Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Pagamenti (CESOP):**

1. *Informazzjoni dwar l-għadd ta' benefiċjarji assoċjati ma' kwalifika suspettuża għal kull Stat Membru*

Stat Membru	L-għadd ta' benefiċjarji bi kwalifika suspettuża fis-CESOP
AT	
BE	
BG	
CY	
CZ	
DE	
DK	
EE	
ES	
EL	
FI	
FR	
HR	
HU	
IE	
IT	
LU	
LV	
LT	
MT	
NL	
PL	
PT	
RO	
SE	
SI	
SK	

2. *L-għadd ta' benefiċjarji li ġew ikkwalifikati mill-Eurofisc bħala suspettużi aktar minn darba waħda u li ġew irrapportati fil-Mistoqsija 1*

   a. 2–5 Stati Membri

   b. 6–10 Stati Membri

   c. 11–20 Stat Membru

   d. 21–27 Stat Membru

3. *L-għadd ta' azzjonijiet ta' segwitu bbażati fuq l-analiżi tas-CESOP*

L-għadd totali ta' azzjonijiet ta' segwitu mibdija:

4. *Detezzjoni ta' nuqqas ta' konformità tal-VAT abbażi tal-analiżi tas-CESOP*

L-Istat Membru fejn ġew ikkontrollati l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-VAT	Il-valur totali (f'EUR) tat-telf tal-VAT stmat
AT	
BE	
BG	
CY	
CZ	
DE	
DK	
EE	
ES	
EL	
FI	
FR	
HR	
HU	
IE	
IT	
LU	
LV	
LT	
MT	
NL	
PL	
PT	
RO	
SE	
SI	
SK	

5. *L-għadd totali ta' Forniturі ta' Servizzi ta' Pagament li jirrapportaw data dwar il-pagamenti lis-CESOP għal kull Stat Membru*

Stat Membru	L-għadd totali ta' Forniturі ta' Servizzi ta' Pagament li jirrapportaw id-data
AT	
BE	
BG	

Stat Membru	L-għadd totali ta' Forniturі ta' Servizzi ta' Pagament li jirrapportaw id-data
CY	
CZ	
DE	
DK	
EE	
ES	
EL	
FI	
FR	
HR	
HU	
IE	
IT	
LU	
LV	
LT	
MT	
NL	
PL	
PT	
RO	
SE	
SI	
SK	

6. *Statistika dwar l-utenti*

Stat Membru	L-għadd ta' utenti tas-CESOP attivi
AT	
BE	
BG	
CY	
CZ	
DE	
DK	
EE	
ES	
EL	
FI	

Stat Membru	L-għadd ta' utenti tas-CESOP attivi
FR	
HR	
HU	
IE	
IT	
LU	
LV	
LT	
MT	
NL	
PL	
PT	
RO	
SE	
SI	
SK	

Parti F — Skema speċjali għall-istatistika dwar l-impriżi ż-żgħar:

Data li trid tingħata bħala "Stat Membru tal-istabbiliment"

1. *Data ta' reġistrazzjoni*

1.1. L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti.

1.2. L-għadd totali ta' impriżi żgħar, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti, li rreġistraw għall-eżenzjoni transfruntiera matul dik is-sena kalendarja, abbażi tad-data tal-bidu ta' dik l-eżenzjoni.

1.3. L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati kemm għall-eżenzjoni transfruntiera kif ukoll għall-iskema tal-punt uniku ta' servizz (OSS) tal-Unjoni, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti.

1.4. L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti, u li jagħmlu użu mill-eżenzjoni:

a. kemm fl-Istat Membru tal-istabbiliment kif ukoll fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħra li jagħti/u eżenzjoni li jsir użu minnha;

b. fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħra li jagħti/u eżenzjoni biss, iżda mhux fl-Istat Membru tal-istabbiliment.

1.5. L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti, u li jagħmlu użu mill-eżenzjoni:

a. f'massimu ta' 3 Stati Membri li jagħtu eżenzjoni (eskluż l-Istat Membru tal-istabbiliment);

b. f'4 Stati Membri jew iktar li jagħtu eżenzjoni (eskluż l-Istat Membru tal-istabbiliment).

Nota: Id-data trid tingħata f'format numeriku, mingħajr deċimali, mingħajr separaturi, pereżempju 12345; għall-valuri żero, uża 0.

L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti	L-għadd totali ta' impriżi żgħar, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti, li rreġistraw għall-eżenzjoni transfruntiera matul dik is-sena kalendarja, abbażi tad-data tal-bidu ta' dik l-eżenzjoni	L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati kemm għall-eżenzjoni transfruntiera kif ukoll għall-iskema tal-Punt Uniku ta' Servizz tal-Unjoni, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti	L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti, u li jagħmlu użu mill-eżenzjoni:		L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti, u li jagħmlu użu mill-eżenzjoni:	
			Kemm fl-Istat Membru tal-istabbiliment kif ukoll fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħra li jagħti/u eżenzjoni li jsir użu minnha	Fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħra li jagħti/u eżenzjoni biss, iżda mhux fl-Istat Membru tal-istabbiliment	F'massimu ta' 3 Stati Membri li jagħtu eżenzjoni (eskluż l-Istat Membru tal-istabbiliment)	F'4 Stati Membri jew iktar li jagħtu eżenzjoni (eskluż l-Istat Membru tal-istabbiliment)

2. *Data ta' rapportar*

2.1. Il-valur totali (f'EUR) tal-provvisti mwettqa fl-Istat Membru tal-istabbiliment mill-impriżi ż-żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera matul is-sena kalendarja rilevanti, kif irrapportat fit-trimestri kalendarji Q1 sa Q4, jew "0" jekk jiġi rrapportat li ma tkun twettqet l-ebda provvista.

2.2. Il-valur totali (f'EUR) tal-provvisti mwettqa mill-impriżi ż-żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera fl-Istat(i) Membru/i l-ieħor/l-oħra li fih(om) l-impriżi ż-żgħar jagħmlu użu mill-eżenzjoni, imqassam skont l-Istat Membru tal-eżenzjoni, matul is-sena kalendarja rilevanti, kif irrapportat fit-trimestri kalendarji minn Q1 sa Q4, jew "0" jekk jiġi rrapportat li ma tkun twettqet l-ebda provvista.

2.3. L-għadd totali tal-impriżi ż-żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti, li l-fatturat annwali fl-Unjoni tagħhom huwa:

a. EUR 35 000 jew inqas;

b. iktar minn EUR 35 000.

Nota: Id-data trid tingħata f'format numeriku, imqarrba għall-eqreb EUR mingħajr deċimali, mingħajr separaturi, eż. 12345; għall-valuri żero, uża 0.

Stat Membru tal-istabbiliment	Il-valur totali (f'EUR) tal-provvisti mwettqa fl-Istat Membru tal-istabbiliment mill-impriżi ż-żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera matul is-sena kalendarja rilevanti, kif irrapportat fit-trimestri kalendarji Q1 sa Q4

Nota: Id-data trid tingħata f'format numeriku, imqarrba għall-eqreb EUR mingħajr deċimali, mingħajr separaturi, pereżempju 12345; għall-valuri żero, uża 0. Bħala Stat Membru tal-istabbiliment, l-Istat Membru relatur ma jipprovdix data għalih innifsu f'din it-tabella.

Stat(i) Membru/i ieħor/oħra li fih(om) l-impriżi ż-żgħar jagħmlu użu mill-eżenzjoni	Il-valur totali (f'EUR) tal-provvisti mwettqa mill-impriżi ż-żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera fl-Istat(i) Membru/i l-ieħor/l-oħra li fih(om) l-impriżi ż-żgħar jagħmlu użu mill-eżenzjoni, imqassam skont l-Istat Membru tal-eżenzjoni, matul is-sena kalendarja rilevanti, kif irrapportat fit-trimestri kalendarji Q1 sa Q4
AT	
BE	
BG	
CY	
CZ	
DE	
DK	
EE	
EL	
ES	
FI	
FR	
HR	
HU	
IE	
IT	

Stat(i) Membru/i ieħor/oħra li fih(om) l-impriżi ż-żgħar jagħmlu użu mill-eżenzjoni	Il-valur totali (f'EUR) tal-provvisti mwettqa mill-impriżi ż-żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera fl-Istat(i) Membru/i l-ieħor/l-oħra li fih(om) l-impriżi ż-żgħar jagħmlu użu mill-eżenzjoni, imqassam skont l-Istat Membru tal-eżenzjoni, matul is-sena kalendarja rilevanti, kif irrapportat fit-trimestri kalendarji Q1 sa Q4
LT	
LU	
LV	
MT	
NL	
PL	
PT	
RO	
SE	
SI	
SK	
Totali	

Nota: Id-data trid tingħata f'format numeriku, imqarrba għall-eqreb EUR mingħajr deċimali, mingħajr separaturi, eż. 12345; għall-valuri żero, uża 0.

L-ghadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera, kif jidher fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti, li l-fatturat annwali fl-Unjoni tagħhom huwa:	
EUR 35 000 jew inqas	iktar minn EUR 35 000

3. *Data tad-diżattivazzjoni*

3.1. L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-esklużjoni/tal-waqfien.

3.2. L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera li l-fatturat annwali fl-Unjoni qabeż EUR 100 000 u li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-esklużjoni (Artikolu 284e, il-punt (a), tad-Direttiva 2006/112/KE).

3.3. L-għadd totali ta' impriżi żgħar li ma għadhomx eliġibbli għall-eżenzjoni transfruntiera f'kwalunkwe Stat Membru li jagħti eżenzjoni u li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-esklużjoni/tal-waqfien (Artikolu 284e, il-punt (b), tad-Direttiva 2006/112/KE).

3.4. L-għadd totali ta' impriżi żgħar li infurmaw bid-deċiżjoni tagħhom li ma jibqgħux japplikaw l-eżenzjoni transfruntiera u li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-waqfien (Artikolu 284e, il-punt (c), tad-Direttiva 2006/112/KE).

3.5. L-għadd totali ta' impriżi żgħar li infurmaw, jew inkella jista' jiġi preżunt, li l-attivitajiet tagħhom waqfu u li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-esklużjoni/tal-waqfien (Artikolu 284e, il-punt (d), tad-Direttiva 2006/112/KE).

Nota: Id-data trid tingħata f'format numeriku, mingħajr deċimali, mingħajr separaturi, pereżempju 12345; għall-valuri żero, uża 0.

L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-esklużjoni/tal-waqfien	L-għadd totali ta' impriżi żgħar irreġistrati għall-eżenzjoni transfruntiera li l-fatturat annwali fl-Unjoni tagħhom qabeż EUR 100 000 u li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-esklużjoni (Artikolu 284e, il-punt (a), tad-Direttiva 2006/112/KE)	L-għadd totali ta' impriżi żgħar li ma għadhomx eliġibbli għall-eżenzjoni transfruntiera f'kwalunkwe Istat Membru li jagħti eżenzjoni u li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-esklużjoni/tal-waqfien (Artikolu 284e, il-punt (b), tad-Direttiva 2006/112/KE)	L-għadd totali ta' impriżi żgħar li infurmaw bid-deċiżjoni tagħhom li ma jibqgħux japplikaw l-eżenzjoni transfruntiera u li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-waqfien (Artikolu 284e, il-punt (c), tad-Direttiva 2006/112/KE)	L-għadd totali ta' impriżi żgħar li infurmaw, jew inkella jista' jiġi preżunt, li l-attivitajiet tagħhom waqfu u li n-numri ta' identifikazzjoni individwali EX tagħhom ġew diżattivati matul is-sena kalendarja rilevanti, abbażi tad-data effettiva tal-esklużjoni/tal-waqfien (Artikolu 284e, il-punt (d), tad-Direttiva 2006/112/KE)"